MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 315/2013

AB

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tlieta (3) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija tlieta u disghin (1993) (vide Dok. A anness);

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Anthony Abela sa mis-sittax (16) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) (vide Dok. B anness);

Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba’ (4) snin separati legalment u de facto u m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi skond l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (Dok. B) il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jiehdu manteniment minghand xulxin;

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew il-halla taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Gunju 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta’ Dicembru 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------